MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Numru. 460/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Agius**

**vs**

**Nicholas Bonello**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Nicholas Bonello ta’ 46 sena, iben Angelo u Nicholina nee’ Mifsud, imwieled Siggiewi fl-1 ta’ Lulju 1962 u residenti ‘St. Nicholas’ Tal-Providenza, Limiti tas-Siggiewi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 422562(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-15 t’ April 2009 ghall-habta ta’ 20.00hrs fi Triq Hal Tartani, Dingli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara ta’ l-fuq minn €116.47 u mhux aktar minn €1,164.69, fuq zewgt itwieqi tal-aluminium u bieb tal-injam, ghad-dannu ta’

Vincenza Deschrijoer u Jan LeonGabriel Deschrijver, bi ksur tal-art 325 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi ghamel hsara involuntarja fuq ghamara, kompjuter u oggetti ohra li jinsabu fl-istess residenza bi ksur tal-art 328(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess jum, lok u cirkustanzi kiser il-paci u l-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bi ksur tal-art 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Huwa recidiv b' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Mag Dr. D. Clarke LL.D, liema sentenza kienet definittiva fit-28 ta' Jannar 2009.

F' kaz ta' htija il-Qorti kienet gentilment miltuba sabiex tapplika il-provediment tal-art 383 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favor ta' Vincenza Deschrijoer u Jan Leon Gabriel Deschrijver.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f' kas ta' htija l-akkuzat jigi ordnat ihallas il-hsarat imsemmija.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Mejju, 2009 (esebit *a folio* 17 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-1 ta' Gunju, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw incident li sehh fil-15 t’April 2009 ghall-habta tat-8.00pm fir-residenza tal-parti civili l-konjugi Vincenza u Jan Leon Deschrijver fi Triq Hal Tartani, Dingli fejn dawn tal-ahhar allegaw li l-imputat kien mar wara l-bieb taghhom, ghamel hafna storbju u kisser zewg hgigiet ta’ tieqa u beda’ jaghti bis-sieq fuq il-bieb ta’ barra u spara xi tiri b’arma tan-nar. Mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Nvestigattiv f’dan il-kaz l-Ispettur Joseph Agius li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta’ Gunju 2009 jirrizulta li meta l-Pulizija marru fuq il-post ftit tal-hin wara li dahal ir-rapport relattiv huma ma sabu ebda ndikazzjoni jew prova li ntuzat xi arma tan-nar u l-anqas ma nstabu pellets jew snieter u l-hsara li kien hemm fil-hgieg kienet tidher li ma saritx b’arma tan-nar. Meta l-imputat gie nterrogat mill-Pulizija[1] huwa spjega li kien ilu jigri hafna wara l-koppja Deschrijver sabiex jithallas ta’ xi xoghol li kien ghamlilhom u qal li kien cempel diversi drabi fuq il-mobile phone ta’ Jan Deschrijver u sabu mitfi u li huwa kien mar diversi drabi fir-residenza taghhom sabiex jithallas u s-Sinjura Deschrijver kienet tindikalu li ma kellha x’taqsam xejn mal-flus li kellu jiehu minghand zewgha. Huwa qal li fil-15 t’April 2009 huwa kien rega’ mar fir-residenza ta’ Deschrijver u ra lil Jan fit-tieqa izda dan dahal jigri malli rah u ma bdewx jifthulu sakemm fl-ahhar harget Vincenza Deschrijver u qaltlu sabiex jitlaq ghaliex huma ma’ kellhom jaghtuh xejn. L-imputat jghid li huwa rrabja hafna u kisser zewg hgigiet ta’ tieqa tal-aluminium li kienet taghti ghall-ufficju ta’ Jan Deschrijver li huwa biswit id-dar. L-imputat cahad li huwa kellu xi arma tan-nar u qal li huwa lest li jhallas ghall-hsarat li kkaguna fit-tieqa li kisser b’idejh basta dawn il-hsarat ikunu ragonevoli.

Ikkkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja liema hsara teccedi l-€116.47 izda mhux l-€1164.69 kif ukoll illi ghamel hsara nvolontarja fuq kompjuter u ghamara li kienu jinsabu fil-fond tal-konjugi Deschrijver u bi ksur ta’ paci pubblika u buon ordni u li

[1] Ara l-istqarrija nserita a fol.  12 u 13 tal-atti processwali

huwa recidiv. Illi l-Qorti jidrilha li l-ewwel tlett imputazzjonijiet ilkoll jirrizultaw pruvati sal-grad rikjest mill-ligi kemm mix-xhieda tal-konjugi Deschrijver, kif ukoll mix-xhieda ta' PC580 Ismael Mercieca u PS163 Robert Azzopardi li t-tnejn xehdu f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-1 ta' Gunju 2009 u minn dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija minnu rilaxxjata u li saret referenza ghaliha aktar il-fuq. Il-Qorti izda taqbel mad-Difiza li l-ammont indikat mill-konjugi Deschrijver bhala l-valur tad-danni minnhom sofferti huwa eccessiv u li dan ma jirriflettix il-valur tad-danni realment kagunati mill-imputat. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt produciet survey report [2] u ricevuti [3]mghoddija lilha mill-parti civili. Mill-provi rrizulta li s-survey report gie mhejji minn Jason Vassallo li gie mqabbad mill-parti civili u acceda fuq il-post l-ghada li sehh l-incident izda rrizulta wkoll li l-elenku tad-danni inserit a fol. 28 tal-process fil-fatt ma giex imhejji mill-istess Jason Vassallo u li huwa ma inghatax l-ircevuti inseriti a fol. 29 sa 32 tal-atti processwali. Dan jirrizulta mix-xhieda li huwa ta in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-19 ta' Mejju 2010. Dawn l-ircevuti ma gewx ikkonfermati bil-gurament minn min irrilaxjahom. Il-Qorti ghalhekk filwaqt li setghat tikkonstata li gew kagunati hsarat mill-imputat fil-propjeta' tal-konjugi Deschrijver u li dawn id-danni kienu jeccedu l-€116 ma setghatx izda tistabbilixxi minghajr ombra ta' dubju li dawn id-danni kienu fl-ammont indikat mill-parti civili. Dan jinghad ghaliex iz-zewg Pulizija li accedew fuq il-post indikaw li l-hsara kienet tikkonsisti fil-hgieg miksur u li ma kienx hemm hsara ohra fuq gewwa. Inoltre minn ezami tas-survery report imhejji minn Jason Vassallo jirrizulta li l-hsara fuq gewwa kienet minima. Irid inoltre jigi rilevat li l-istess Prosekuzzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha tikkoncedi li l-ammont ta' danni indikati mill-parti leza huwa fil-fattt esagerat. Il-Qorti ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi ma tistghax timponi piena li tikkomprendi ordni ta' hlas stante li kif ghadu kemm intqal il-valur tad-danni preciz kagunat mill-imputat Nicholas Bonello dakinhar tal-15 t'April 2009 ma giex pruvat lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni li kien dak

[2] Inserit a fol. 18 et sequitur tal-atti processwali.
[3] Inserita a fol. 28 et sequitur tal-atti processwali.

indikat mill-parti civili. Ghal finijiet ta’ piena inoltre mhux ser jigi kkunsidrat li l-imputat huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali stante li mis-sentenzi esebiti a fol. 63 sa 66 jirrizulta li dawn jirreferu ghal reati kontravenzjonali rizultanti mill-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Il-Qorti kkunsidrat ukoll ir-retroxena kollu tal-kaz fejn l-imputat kien qed ihoss li l-parti civili li kellhom ihallsuh ta’ xi xoghlijiet li kien ghamlilhom kienu qed jghadduh biz-zmien u filwaqt li jidrilha li huwa ma kienx gustifikat li jagixxi bil-vjolenza kif fil-fatt ghamel jidhrilha wkoll li kien hemm certu element ta’ provokazzjoni nvoluta u ghalhekk mhux ser tigi mposta piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 325(1)(b), 328(d) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel tlett (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ tnax (12) il-xahar millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tar-raba’ imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ tmien mitt Ewro (€800) ghal zmien tnax (12) il-xahar millum mili jimmolesta jew jivvessa lill-konjugi Jan u Vincenza Deschrijver.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------